SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 05-12

Illum it-Tnejn, 20 ta' Awissu 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija f'12.00p.m. (nofsinhar).

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 04-12 li saret nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju 2012 ġew moqrija u approvati kif emendati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-5 ta' Lulju 2012 u l-20 ta' Awissu 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 953/12/O – Transport Malta – Toroq li qatt ma ġew mgħotija wiċċ

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 807/12/I – Ministeru għall-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja – Ko-Finanzjament
- 866/12/I – Trasport Malta – Toroq li qatt ma saru
- 909/12/I – St Vincent De Paul Residence – *Life Story Challenge Award*
- 930/12/I – Santa Luċija Scout Group – *Letter and Application Form*
- 931/12/I – Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' – Premju Anzjan 2012
- 950/12/I – Santa Luċija Scouts – Applikazzjoni għall-membri
- 951/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 120/2011: Librerija Lokali

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 807/12/I is-Sindku rrefera għat-talba li għamel il-Kunsill lil Ministeru għall-Ġustizzja Djalogu u l-Familja dwar il-ko-finanzjament ta' madwar €300,000 li l-Kunsill għandu bżonn għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li l-Bord tal-Ko-finanzjament kien approva s-somma ta' €50,000, jiġifieri l-Kunsill irid isib €250,000 oħra biex ikun jista' japplika għall-fondi taħt l-ERDF għal dan il-proġett.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 866/12/I is-Sindku qal li Trasport Malta qed titlob lil Kunsill biex jidentifika toroq residenzjali li qatt ma ngħataw

wiċċ. Huwa qal li l-Kunsill indika t-triq li fir-Reġistru Elettorali tidher bħala Ta'Garnaw Limiti ta' magħrufa aħjar bħala Triq Garnaw. Huwa kompla jgħid li f'din it-triq issa hemm diversi residenzi u għalhekk għandha tibda titqies bħala triq residenzjali.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 909/12/I il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza dwar *Life Story Challenge Award* għandha tinbagħt għall-attenzjoni tar-residenti.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numri 930/12/I u 950/12/I is-Sindku rrefera għall-inizjattiva biex jitwaqqaf Scout Group f'Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta d-diversi ideat marbuta ma' din il-proposta u qabel li joffri s-sapport tiegħu biex din l-inizjattiva tirnexxi.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 930/12/I il-Kunsill innota l-inizjattiva Premju Anzjan 2012 u kopja ta' din il-korrispondenza għandha tinbagħt lil Kappillan.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 951/12/I is-Sindku rrefera għall-*Memo* 120/2011 u nforma li l-Kunsill kien ser jingħata €466 bħala għajnuna għal-Librerija Pubblika.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Reviżjoni tal-Karigi tal-Kunsilliera*

Is-Sindku qal li wara t-tibdil li kien hemm fil-membri tal-Kunsill bil-mewt tal-Viċl Sindku, kien hemm bżonn li ssir reviżjoni tal-karigi tal-Kunsilliera. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-IT jiżdied mal-karigi tas-Sindku, il-Protezzjoni tal-Konsumatur jiżdiedu mal-karigi tal-Kunsilliera Caroline Galea filwaqt li l-karigi l-oħra li kellu l-Viċi Sindku jgħaddu f'idejn il-Kunsillier Victor Camilleri.

### 4.2 *Chinese Film Festival*

Is-Sindku rrefera għaċ-*Chinese Film Festival* li ser isir fil-25, 26 u 27 ta' Awissu 2012 fil-Ġnien Ċiniż u qal li għall-okkażjoni d-Direttur taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, Mr Gu, ser jippreżenta kotba għal-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija.

### 4.3 *Ħarġa għal Għawdex*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa għal Għawdex nhar l-Erbgħa, 5 ta' Settembru 2012.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4115 sa numru BOV4203 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn it-12 ta' Ġunju 2012 u s-7 ta' Awissu 2012.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 04-12 (05-07-2012).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Lulju 2012 Ammont *Gross* €5157.33

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---|
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16857 | 287.80 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16767 | 618.42 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16860 | 86.96 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16862 | 296.17 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16859 | 221.40 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16858 | 93.39 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16865 | 562.73 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16866 | 148.20 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16864 | 305.36 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16863 | 190.73 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16746 | 435.19 |
| Rit Mix (Gatt Bros) Ltd. | RR(PPP)57/11/02 | 7771 | 37,137.60 |
| Saviour Mifsud | PCA(57/11/06) | Serv.-Ġunju 12 | 437.87 |
| Saviour Mifsud | PCA(57/11/06) | Serv.-Lulju 12 | 437.87 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.Ġunju 12 | 2061.50 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.Lulju 12 | 2061.50 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Ġunju 12 | 76.11 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Serv.Lulju 12 | 74.14 |
| Owen Borg | SS(57/12/01) | Serv. Ġunju 12 | 1025.20 |
| Nexos Str.Lighting | *Street Lighting* | 2010370 | 1332.51 |
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | Serv.Gunju 12 | 2821.00 |

## 6. SKEMA "ADDOTTA NANNU"

Il-Kunsill għadda biex iddiskuta proposta tal-Kunsilliera Caroline Galea biex tiġi varata skema "Addotta Nannu". Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar qal li ma jistgħax ma jaqbilx ma' din il-proposta peress li din hija nkluża fil-programm elettorali tal-Partit Laburista għal-lokalita' ta' Santa Luċija. Wara li saru diversi proposti dwar din l-iskema l-Kunsill qabel li għandhom jiġu identifikati l-objettivi, l-kriterji u l-benefiċċji ta' din l-iskema u tinħareġ espressjoni ta' nteress għal min jixtieq jipparteċipa, sew anzjani li ser jibbenefikaw mis-servizz u sew żgħażagħ li ser joffru dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li jistieden lil għaqdiet taż-żgħażagħ fil-komunita' għal *briefing* dwar din l-iskema. Il-Kunsill wera li hu fiduċjuż li din l-iskema tirnexxi.

## 7. KUNTRATT (RM/PF) 57/12/03 – *Road Maintenance Works*

Is-Sindku rrefera għas-sejħa għall-offerti għal kuntratt hawn fuq imsemmi. Huwa qal li għal din is-sejħa li għalqet f'nofsnhar tal-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2012, kienu ntefgħu żewġ offerti li dwarhom qed jitħejja *adjudication report* mill-periti tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf *Adjudation Committee* li jkun iffurmat mill-membri tal-Kunsill u żewġ rappreżentanti tal-pubbliku li jridu jkunu residenti minn Santa Luċija. Is-Sindku ppropona li wieħed minn dawn ir-residenti jkun is-Sur Andre' Zammit filwaqt li l-Kunsilliera Caroline Galea pproponiet lis-Sur Laurence Ciantar. Il-Kunsill approva dawn iż-żewġ nomini għall-*Adjudication Committee*.

Is-Sindku qal li dawn iż-żewġ residenti għandhom jiġu nfurmati uffiċċjalment bid-deċiżjoni tal-Kunsill ħalli dan il-kumitat ikun jista' jibda bl-ewwel xogħol tiegħu fuq din l-offerta u wara d-deċiżjoni titressaq waqt laqgħa tal-Kunsill.

## 8. KWOTAZZJONIJIET

### 8.1 Q(57/12/03) – *Printing of Local Council Newsletter*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tgħalaq f'nofsnhar tal-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2012. L-offerti li ntegħfu kienu dawn:

| | Indirizz | Ammont (€) | Rimarki |
|---|---|---|---|
| Adverteyes Ltd. | West Street, University Roundabout, Msida | 1,174.10 | |
| Union Print Co. Ltd. | A41, Marsa Industrial Estate, Marsa | 1,103.55 | |
| D & Co. Media | 144, Triq Matty Grima, Bormla BML1161 | 1,850.00 | |
| Velprint Ltd. | BLB12, Bulebel Industrial Estate, Zejtun | 1,155.00 | |
| Veritas Press | 2, Ġanni Bonavia Street, Zabbar ZBR1503 | 1,044.75 | |
| Tik Communications | 64 A, Triq Luigi Maria Galea, Żona Industrijali, Ħandaq, Qormi | 864.67<br>188.80 | Stampar<br>Disinn |
| Gutenberg Press Ltd. | Gudja Road, Tarxien GXQ2902 | 1,186.50 | |

Dawn il-kwotazzjonijiet ser jinżammu bħala referenza għal meta l-Kunsill jiddeċiedi li joħroġ in-*newsletter* li jmiss.

### 8.2 Q(57/12/04) – *Maintenance of wooden outdoor benches*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għalqet f'nofsnhar tal-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2012. L-offerti li ntefgħu kienu dawn:

| | Indirizz | Ammont (€) |
|---|---|---|
| Ricky Caruana | 15, Triq il-Warda, Zurrieq | 775.00 |
| Mario Mallia | 77, Il-Ħorża, A. Cunningham Str., Qawra | 151.04 |

Il-Kunsill qabel li l-offerta ta' Mario Mallia kienet l-aktar vantaġġjuża u għaldaqstant kull xogħol relatat ma' manutenzjoni ta' bankijiet ta' l-injam għandu jiġi nkarigat minnu dan il-kuntrattur.

### 8.3 Q(57/12/05) – *Site Investigation at Triq Ġuljetta Lopez*

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għalqet f'nofsnhar tal-Erbgħa, 18 ta' Lulju 2012. Għal din is-sejħa l-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda dik ta' Terracore Ltd. Is-Sindku qal li xtaq jara xi żewġ kwotazzjonijiet ta' kumpaniji li joffru dan is-servizz.

**8.4 Q(57/12/06) – *Cleaning of Council premises***

Il-Kunsill innota li għal din is-sejħa li għalqet nhar il-Ħamis, 15 ta' Awissu 2012 kienet intefgħat kwotazzjoni waħda dik ta' Gafa Saveway Ltd. Il-Kunsill qabel li r-rata mitfugħa, dik ta' €5.85 is-siegħa, hija waħda raġonevoli ħafna. Il-Kunsill innota wkoll li Gafa Saveway Ltd. ilhom jagħtu dan is-servizz u l-Kunsill huwa sodisfatt ħafna u qatt ma kellu problemi.

**8.5 Q(57/12/07) – *Supply and Installation of Photovoltaic Cells***

Il-Kunsill innota l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li għalqet nhar il-Ħamis, 15 ta' Awissu 2012. Għal din is-sejħa ntefgħu dawn l-offerti:

| | Indirizz | Ammont (€) | Rimarki |
|---|---|---|---|
| Titan International Ltd. | 'The Lyric', Antonio Bosio Str., Msida MSD1342 | 4,485.18 | |
| Alberta Group | San Ġwakkin Road, Imrieħel | 3,442.06 | |
| Solar Solutions Ltd. | 2/3, Tal-Balal Road, Xwieki l/o Għargħur | 4,403.58 | |
| Frank Borda Ltd. | Gala Centre, Testaferrata Str., Ta' Xbiex | 2,690.00<br>2,790.00<br>3,790.00<br>3,989.00 | *Option* 1<br>*Option* 2<br>*Option* 3<br>*Option* 4 |

Il-Kunsill qabel li jitlob lil kumpanija Frank Borda Ltd., li tefgħat l-orħos offerti, biex tiltaqgħa mal-Kunsill u tispjega fid-dettal dwar il-prodotti li toffri.

**9. RESIDENTIAL PARKING**

Is-Sindku rrefera għal talba li saret minn xi residenti biex tiġi ntrodotta sistema ta' *residential parking*. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u qabel li japplika biex issir applikazzjoni lil Trasport Malta biex din is-sistema tibda titħaddem f'dawn it-toroq: Trejqet is-Sardinell, Trejqet il-Ward, Trejqet il-Liedna, Trejqet il-Qronfol u Triq il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li għandu jsir eżerċizzju biex tinġabar l-informazzjoni kollha rikjesta fl-applikazzjoni għal din l-iskema. Il-Kunsill qabel ukoll biex kemm il-darba din it-talba tiġi milqugħa, għandu jintbagħt avviż lil Malta Football Association peress li t-toroq involuti huma viċin tal-*football ground* ta' Santa Luċija.

## 10. XOGĦOLIJIET

### 10.1 *Resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP*

Is-Sindku rrefera għaż-żewġ toroq li fadal isiru taħt l-iskema hawn fuq imsemmija. Huwa qal li ser isir *site meeting* mal-periti nhar l-Erbgħa, 22 ta' Awissu 2012 biex naraw kif tista' tissolva l-problema ta' l-ilma tax-xita fi Triq il-Ġnien. Fir-rigward ta' Triq Ġuljetta Lopez huwa qal li bħalissa qed isiru l-permessi meħtieġa biex jibda x-xogħol li huwa mistenni li jitlesta sa l-aħħar ta' Settembru 2012.

### 10.2 *Laqgħa mal-Mepa dwar proġetti tal-Kunsill*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-andament tal-laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom maċ-Chairman tal-Mepa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ħejja Aġenda bil-pendenzi relatati ma' permessi għal proġetti tal-Kunsill. Huwa rrefera għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u qal li l-Mepa ġew infurmati dwar dan il-proġett u jidher li mhux ser ikun hemm problemi. Huwa kompla jgħid li fir-rigward tal-proġett ta' rinovazzjoni tal-Ġnien Ċiniż ukoll jidher li m' hemmx problemi. Is-Sindku qal ukoll li ġiet diskussa l-proposta tal-Kunsill fir-rigward tal-proġett għal bini ta' garaxxijiet f'Dawret it-Torri u l-Mepa tidher li taqbel ma' dan l-iżvilupp. Fir-rigward tal-proġett ta' l-ATM *drivethrough* is-Sindku qal li qed ikun hemm ko-ordinament bejn il-periti u Trasport Malta dwar dan il-proġett.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 24 ta' Settembru 2012 f' 12.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 24 ta' Settembru 2012</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**